C/2026/4445

14.8.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.12563 — CHARTERHOUSE / BATIBIG)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4445)

1. Fis-7 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Charterhouse Capital Partners LLP ("Charterhouse"), ikkontrollata minn Watling Street Capital Partners LLP, it-tnejn li huma tar-Renju Unit,

— Batibig 3 SAS, flimkien mal-entitajiet kollha tal-grupp tagħha ("Batibig", Franza),

Charterhouse se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Batibig.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Charterhouse hija ditta ta' ekwità privata li topera fl-Ewropa,

— Batibig hija l-kumpanija azzjonarja tal-grupp Batibig li tinkludi kumpaniji li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' tiswijiet ta' emerġenza, xogħlijiet żgħar ta' manutenzjoni u rinnovazzjoni tal-bini, li primarjament iservu lill-maniġers tal-proprjetà, lill-maniġers tal-bini u lill-amministraturi tal-proprjetà immobbli fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

Il-każ M.12563 — CHARTERHOUSE / BATIBIG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.